MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 155/2009

Kawza fil-lista: 20

**A C**
**vs**
**D G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fil-Knisja ta' l-Imsida fis-6 ta' Mejju 2006, u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li z-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255; u ghalhekk talbet li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-imsemmija data;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara li jaqbel li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null fit-termini ta’ l-artikoli precitati, jattribwixxi t-tort lill-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta’ Mejju 2006 meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 26 sena u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa erba’ snin. Wara sentejn ta’ konvivenza matrimonjali l-partijiet isseparaw de facto, u f’ April 2009 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi fis-sustanza l-partijiet jaqblu li, sa minn qabel iz-zwieg, kien hemm nuqqas ta’ komunikazzjoni bejniethom, dovut principalment ghall-fatt li l-konvenut kien jahdem bhala suldat u wkoll bhala muzicista part-time, u ghalhekk, specjalment, wara z-zwieg, il-partijiet kienu jaghmlu zmien twil mifrudin minn xulxin. Inoltre, meta kienu jiltaqghu, anke bhala gharajjes, kienu jiggieldu kontinwament.

*Verzoni Attrici*
Illi l-attrici tghid li hi kienet imdejjqa mal-konvenut, u di fatti, tmien xhur qabel iz-zwieg hija riedet thassar ir-relazzjoni, u kienet informat b’ dan lill-konvenut li minn naha tieghu pero’ ried li r-relazzjoni tkompli. Eventwalment hija accetat li tkompli bir-relazzjoni u tizzewweg lill-konvenut, ghax ma kellhiex il-kuragg li waheda twaqqaf l-affarijiet f’ dak l-istadju meta l-preparamenti kollha tat-tieg, u anke, tad-dar kienu diga’ lesti. Barra minnhekk tghid li hi ma rieditx tiddizappunta lill-genituri taghha.

Tghid li wara z-zwieg, is-sitwazzjoni aggravat, u mill-bidu nett taz-zwieg, hija kienet tkun waheda hafna d-dar,

filwaqt li l-konvenut kien ikun fuq x-xoghol tieghu, u wara, kien imur il-kazin. Tilmenta mill-fatt li l-konvenut kien ossessjonat bil-muzika u kien jittraskura lilha u l-bzonnijiet taghha. Rizultat ta' dan, bdiet tidhol izjed il-bruda bejniethom, anke fir-relazzjonijiet intimi. Tghid li r-relazzjonijiet intimi dejjem saru bi prekawzzjoni, kemm minn naha taghha kif ukoll minn naha tieghu, sabiex jassikuraw li ma jkollhomx tfal.

Eventwalment, wara konvivenza ta' circa sentejn, huma ddecidew li jisseparaw.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jaccetta bhala veritier il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, salv ghal dak li ser jinghad.

Jghid li huwa veru li l-attrici riedet thassar ir-relazzjoni qabel iz-zwieg peress li kienu jiggieldu tas-spiss, izda huwa ried li jibqa' ghaddej, ghax ried jizzewweg lill-attrici u jibni familja maghha. Jghid li kienet l-attrici li kienet tibza' li jkollhom it-tfal, u ghalhekk ir-relazzjonijiet intimi ma kienux tas-spiss, u f' okkazzjoni, hija kienet issugerietlu li, jekk ma jkollhomx tfal, huma setghux jaddottaw. Jghid li r-riluttanza fir-relazzjonijiet intimi da parti ta' l-attrici kienet tkiddu hafna, u biz-zmien beda jinnota li kienet qed tikber il-bruda ta' bejniethom. Jenfasizza li r-relazzjoni ntima bejniethom kienet "vera baxxa".

Il-konvenut jispjega li, ghalkemm huwa minnu li hu kien ihalli lill-attrici waheda ghal hafna hin, dan kien dovut ghall-fatt li hu kellu jahdem hafna minhabba l-ispejjez li kellhom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fil-kaz odjern il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li z-zewg partijiet, ma kienux kapaci li jassumu l-obbligi essenzjali ghal hajja mizzewwga, u cioe' dawk naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-<u>benessere reciproku</u>, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. Mill-provi

jirrizulta manifest li huma ma kienux kapaci jistabbilixxu bejniethom komunjoni ta’ hajja u mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta’ Mejju 2006,.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------